# "IŻ-ŻWIEĠ MISTIKU"



Diversi huma l-pitturi li permezz tal-pinzell imħaddem f'idejhom ħallewlna għadd ta' kwadri li jippreżentawlna ġrajjiet mill-ħajja tal-qaddisa tagħna, Santa Katarina V.M. L-aktar suġġett/episodju - minn fost ir-rakkont dwar ħajjet il-qaddisa hu dwar ir-rabta tagħha ma' Ġesu' simbolizzata bl-għotja taċ-ċurkett minn Ġesu' Bambin lix-xbejba Katarina: "L-Għerusija" jew aktar magħruf bħala "Iż-Żwieġ Mistiku".

Kwadri b'dan is-suġġett insibuhom fil-Mużew ta' Brussells fejn hemm pittura ta' Otto Van Veen li saret fl-1589, fil-Gallerija Poldi Pezzoli, Milan, kwadru ta' Luini Bernardini, fil-Palazz Ducale f'Venezja, pittura ta' Tintoretto, u fil-Gallerija Doria xogħol S. Pulzone. Fil-Knisja ta' San Duminku, Bologna, kwadru ta' Filippu Lippi, filwaqt li fil-Gallerija R. Wanemaker, Filadelfia, naraw kwadru ta' Rubens.

Ta' Rubens ukoll hu l-kwadru li pitter madwar is-sena 1628 li hemm f'Dahlem Staatliche Museum. Fil-Mużew ta' Louvre, Pariġi, kwadru ta' Antonio Allegro magħruf bħala "Il Correggio". Fil-Pinacotheca, Ruma, għandna pittura ta' Murillo. Fil-Pinacotheca ta' El Escorial, Madrid, Spanja nsibu fl-ewwel kamra fost il-pitturi esebiti nsibu wieħed dedikat lil Santa Katarina, u juri propju dan l-episodju. Il-kwadru hu skola ta' Malinas.

Pitturi oħra li wkoll pittru "iż-żwieġ mistiku" tal-qaddisa Lixandrina huma: Gerard David, Lamberto Sustris, Guercino, Benozzo Gozzoli, Massys, P. Veronese, Lorenzo Veneziano u Paolo Caliari.

Hawn Malta għandna wkoll kwadri dwar "Iż-Żwieġ Mistiku" jew "l-Għerusija". Ta' Francesco Vecellio - li hu replika - pero' b'xi modifikazjonijiet - ta' pittura li tinsab f'Cook Gallery, Richmond l-Amerika. Dal kwadru hu propjeta' governattiva. Ta' Luca Cambiaso u ta' Francesco Solimena, msejjaħ L-Abati Ciccio, żewġ kwadri f'kollezzjoni privata. Kwadru ieħor, ukoll f'kollezzjoni privata, jixbaħ lil kwadru xogħol Lorenza Pasinelli. Kwadru li hu propjeta' tal-knisja parrokkjali tal-Mosta, hu mpitter minn Stefano Erardi. Il-kwadru titulari tal-knisja "ta' Ġieżu" tal-Belt Valletta, fost il-qaddisin li fih impittira, tispikka "l-għerusija ta' Santa Katarina". Il-kwadru hu xogħol Antonio Catalanus ta' Messina magħruf bħala "Il Vecchio". Dan l-episodju mill-ħajja ta' Santa Katarina nsibuħ fil-kwadru msejjaħ "Il-Madonna tal-Konsolazzjoni" fil-kunvent tas-Sorijiet tal-Klawsura l-Belt Valletta. Il-kwadru, xogħol Pietru Pawl Caruana, tqiegħed minflok ieħor ta' S. Katarina, xogħol Francesco Zahra. Il-kwadru tal-artal tal-Lingwa Taljana, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, li wkoll jurina lil Santa Katarina tirċievi l-ħaten minn idejn Ġesu' Bambin, hu xogħol Mattia Preti u jingħad li hu wieħed mill-aħjar xogħolijiet ta' dan il-pittur, li hawn fil-Gżejjer tagħna. Fil-Knisja ta' S. Caterina d'Italia, hemm kwadru li hu mpitter minn Filippo Paladini.

F'Għawdex insibu wieħed mill-kwadri tal-artali fil-Bażilika ta' San Ġorġ dedikat lill-Għerusija ta' Santa Katarina, xogħol Giuseppe D'Arena "ir-Ruman" u tpitter għall-ħabta tal-1692. Kwadri oħra bl-istess suġġett huma dawk titulari bħal fil-każ ta' Knisja dedikata lil Santa Katarina fl-Imqabba u Ħal Qormi, waqt li l-Isla u l-Birgu hemm wieħed mill-artali - fil-knejjes parrokkjali - dedikat lill-Qaddisa Lixandrina. Fost il-pittura tas-saqaf fil-knisja tagħna, xogħol T. Busuttil naraw ukoll dan il-mument tar-rabta "bejn Ġesu' u Santa Katarina".

## Festi Esterni

| | | |
|---|---|
| Is-Sibt 7.00 p.m. | Marċ u programm mill-Banda Beland. |
| Il-Ħadd 1.00 p.m. | Marċ mill-Banda Beland. |
| Il-Ħadd 4.30 p.m. | Marċi mill-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat<br>St. Katarina Żurrieq<br>La Stella tal-Gudja. |